# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 7**

**Rikors numru 270/05 AF**

**Mario Camilleri**

**v.**

**Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtja fis-16 ta' Ottubru 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Il-Qorti:
>
> "Rat ic-citazzjoni ta' Mario Camilleri li permezz taghha, wara li ppremetta illi:
>
> "L-attur kien ilu jahdem mal-Armata konvenuta sa mill-1987 u kellu l-kariga ta' Gunner bin-Numru 85268.
>
> "Fit-3 ta' Novembru 1988, l-attur sofra incident waqt ix-xoghol a kawza ta' liema incident huwa tilef ghajnu x-xellugija.

“Dan nonostante, l-attur dejjem baqa’ jahdem regolarment mal-Armata u dejjem ghamel ix-xoghol tieghu kif imiss.

“Minhabba fl-incident li huwa sofra, l-attur kien dejjem jigi ezentat milli jmur fix-*shooting range*, pero’, f’daqqa wahda, b’mod ghal kollox irragjonevoli, il-konvenut beda jesigi li l-attur jerga’ jibda jmur fix-*shooting range* ghax qal li dan ma kienx kompatibbli mad-dizabilita’ tal-attur.

“In segwitu, fit-18 ta’ Marzu 2003, kif jirrizulta mill-anness dokument ta’ terminazzjoni li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A** huwa gie mkecci mix-xoghol.

“Din it-tkeccija tieghu saret b’mod diskriminatorja, senjatament bi ksur tal-Artikolu 3, 4, 5 u 7 tal-Kap. 413.

“Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“Tiddikjara illi l-konvenut meta ttermina l-impjieg lill-attur, irrenda ruhu hati ta’ diskriminazzjoni fit-termini tal-Artikolu 413 [Equal Opportunities (Persons with Disability) Act];

“Konsegwentement tordna illi l-konvenut jirri-instatja lill-attur fix-xoghol tieghu;

“Tikkundanna ‘l-konvenut ihallas l-arretrati ta’ salarju kollha, inkluzi l-*bonuses* u *increments* relattivi;

“Caso mai, din l-Onorabbli Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tordna *reinstatement*, tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir abbuziv u llegali tal-konvenut;

“Tikkundanna ‘l-konvenut ihallas id-danni msemmija.

“Bl-ispejjez u l-imghax inkorsi, inkluzi dawk tal-protesti gudizzjarji gja’ prezentati u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni u d-dokument anness.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kmandant tal-Forzi Armati, li in forza taghha eccepixxa illi:

“Preliminarjament, ic-citazzjoni ma gietx innotifikata lill-Avukat Generali kif tirrikjedi l-ligi fl-Art. 181B(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u

Procedura Civili u ghalhekk iz-zmien ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet da parti tal-eccipjent ma jibdiex jiddekorri qabel dik in-notifika.

“Il-kawza hija perenta stante li kellha ssir fi zmien sitt xhur minn meta l-attur sar jaf jew seta’ jaf dwar id-decizjoni amministrattiva u dan il-perjodu huwa wiehed ta’ dekadenza.

“Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent jichad li saret xi diskriminazzjoni da parti tieghu fil-konfront tal-attur stante li l-Armata huwa korp regolat minn standards ta’ kwalifika li persuna trid tissodisfa kemm ghall-ingagg taghha kif ukoll ghall-kontinwazzjoni tal-impjieg taghha.

“Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

“Huwa ma ghandux ibati spejjez.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“”Rat id-dikjarazzjoni annessa.

“Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fis-16 ta’ Ottubru 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-3 ta’ Ottubru 2008 li rrevokat il-precitata sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2007 billi cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u baghtet lura l-atti lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni skont il-ligi.

“Rat illi, wara li nstemghu diversi xhieda u saru diversi noti ta’ sottomissjonijiet mill-partijiet, ir-rikorrenti talab ir-rikuza tal-Imhallef li kien qed jisma’ l-kawza.

“Rat illi wara li din it-talba ntlaqghet fit-23 ta’ Settembru 2011, ir-Registratur fid-29 ta’ Settembru 2011 assenja l-kawza biex tigi mismugha u maqtugha mill-Qorti kif presjeduta llum.

“Rat id-diversi noti mressqa mill-partijiet.

“Rat il-verbali tas-seduti kollha u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda, kif ukoll id-dokumenti.

“Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri.

“Rat l-atti kollha.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat illi l-attur f’din il-kawza jsostni li huwa sofra diskriminazzjoni a tenur tal-Kap. 413 tal-Ligijiet ta’ Malta li huwa meta gie terminat l-impjieg tieghu mal-Forzi Armati. Qed jitlob li jinghatalu lura xoghlu. Qed jitlob ukoll risarciment tad-danni li sofra. Il-kmandant tal-Forzi Armati jichad dan kollu u jsostni li l-attur ma kienx jissodisfa l-istandards ghall-kontinwazzjoni tal-impjieg.

“Jirrizulta illi fl-1987 l-attur gie ngaggat bhala gunner fil-Forzi Armati ta’ Malta. Fl-1988 sofra incident waqt ezercitazzjoni, kien intlaqat minn skartocc sparat minn gunner iehor u spicca biex tilef ghajnu x-xellugija. Dahal lura ghax-xoghol wara sena. Beda jinghata xoghol alternattiv kompatibbli mad-dizabilita’ tieghu. Sussegwentement, f’Jannar 2001, l-Armata addottat politika ta’ “Minimum Medical Standards for Retention in the AFM”. Il-“General Order” mahrug mill-Brigadier Montanaro kien jimponi illi sabiex wiehed izomm l-impjieg tieghu fil-Forzi Armati ghandu jkun” fit to perform armed guard/security duties, by day or night, indoors and outdoors, in all types of weather and by himself”. Dawn l-istandards kienu saru ai termini tar-Regolament 22(2)(b) tal-Armed Forces of Malta Regulations 1970. In segwitu ta’ dan, l-attur gie ezaminat minn Bord mahtur ghal dan l-iskop. Dan il-Bord Mediku, kompost mit-Tabib Galea mill-Armata stess u zewg tobba indipendenti (Tabib Vella u Tabib Tonna) ikkostata li l-attur, minhabba n-nuqqas ta’ vista f’ghajn wahda, kien zviluppa wkoll “weapon-phobia with a fear of firing weapons”. Kompla jghid il-Bord:

> ““In view of the findings, the Board considers that Gnr. Camilleri’s capacity to contribute to his own support is impaired.” Gie dikjarat permanently UNFIT to perform standard military duties as defined in GO AFM/4601/004/2001 dated 30 Jan 01 in accordance with the “Standards of Medical Fitness for Retention/Discharge from the AFM” Chapter 5.1.g” (ara Dok. a fol. 50 u 56). Jirrizulta wkoll li l-Armata, sa mill-1988 kellha policy illi kull suldat, ikun x’ikun l-irwol tieghu fl-Armata, irid bilfors jispara l-arma mill-anqas darbtejn fis-sena, haga li minhabba l-biza’ kbira li zviluppa l-attur, huwa baqa’ jirrifjuta li jaghmel, ghalkemm gie moghti safety goggles kif ukoll l-opportunita’ li jispara permezz ta’ pistola li ma tirrikjedix li titqieghed vicin l-ghajn.

“F’dawn ic-cirkostanzi, fl-2003 l-impjieg tieghu mal-Armata gie tterminat.

“<u>Kap. 413</u>

“L-attur isejjes l-azzjoni tieghu fuq id-diskriminazzjoni a tenur tal-Kap. 413, senjatament l-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 7:

- "Li jtendu li jharsu l-persuna li tbati minn dizabilita' kontra diskriminazzjoni dovuta ghal xi trattament inqas favorevoli (Art. 3);
- Diskriminazzjoni dovuta ghal xi nuqqas ta' konformita' ma' xi htiega jew kondizzjoni (Art. 4);
- "Diskriminazzjoni fir-rigward ta' ghajnuna awziljarja dovuta (Art. 5 u Art. 6); u
- "Diskriminazzjoni f'materji ta' impieg u tahrig (Art. 7).

"Ma jirrizultax lill-Qorti li saru xi regolamenti a tenur tal-istess ligi li permezz taghhom setghet giet ezentata l-Armata mill-harsien tal-provvedimenti tal-Kap. 413. Galadarba "ubi lex voluit dixit", din il-Qorti tqis li l-Armata hija marbuta li thares il-provvedimenti tal-Att.

"Dan premess, il-Qorti, wara li fliet minuzzjozament, kull prova prodotta, waslet biex tqis li l-attur naqas milli jipprova b'xi mod li huwa ssubixxa xi forma ta' diskriminazzjoni kif vjetata mil-ligi permezz tal-fuq citati artikoli.

"Ma ngabet ebda prova ta' xi persuna li nghatat l-ezenzjoni mill-isparar li kien jippretendi hu. Ir-rapprezentanti tal-Armata kollha kkonfermaw illi anke min qieghed fuq "light duties" huwa tenut jispara skont ir-regolamenti tal-Armata.

"Din il-Qorti tqis li l-Forzi Armati huma ' employer' partikolarissimi, u huwa ghalhekk li jassumi rilevanza kbira t-test ta' ragjonevolezza li tipprovdi ghalih it-Taqsima IV tal-istess Kap. 413, li testwalment jipprovdi f'Art. 20(2):

> "***20.*** *(2) Il-fatturi li jitqiesu sabiex jigi stabbilit jekk dawk l-azzjonijiet jistghux jitwettqu minghajr ma jgibu piz mhux gustifikat ghandhom jinkludu –*
>
> "*(a) Ix-xorta u n-nefqa tal-azzjonijiet involuti;*
>
> "*(b) Ir-rizorsi finanzjarji totali tal-persuna, korp, awtorita' jew istituzzjoni involuti u l-effett fuq l-ispejjez u r-rizorsi jew l-impatt ta' dawk l-azzjonijiet fuq il-hidmiet ta' dik il-persun, korp, awtorita' jew istituzzjoni; u*
>
> "*(c) Id-disponibilita' ta' ghotjiet minn fondi pubblici biex minnhom jithallsu l-ispejjez ta' dawk l-azzjonijiet.*"

“Tenut kont tad-daqs, u ghalhekk ir-rizorsi tal-Forzi Armati ta’ Malta ma jistax jitqies ragjonevoli li l-Armata zzomm maghha persuna li ma tistax taqdi l-funzjonijiet kollha ta’ suldat.

“Internazzjonalment, il-pozizzjoni tal-Forzi Armati fid-diversi pajjizi tvarja ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ applikabilita’ tal-ligijiet dwar id-dizabilita’. Fir-Renju Unit, il-Forzi Armati huma specifikament ezentati mid-dettami tal-ligijiet dwar id-dizabilita’. Anke fir-relazzjoni tieghu mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Dizabilita’, ir-Renju Unit insista fuq ezenzjoni ghall-Forzi Armati (ara dibattiti riportati f’Hansard fit-12 ta’ Mejju 2009).

“Ir-ratio wara l-Forzi Armati Maltin mhijiex bil-wisq differenti minn hekk, u ghalhekk dak li jsostni l-attur ma jregix fit-test ta’ ragjonevolezza fuq citat.

“Il-Qorti tinnota wkoll illi d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea Nru. 78 tas-sena 2000, imsejha “Employment Equality Framework Directive”, f’paragrafu 18 tal-Preambolu tipprovdi illi “This directive does not require, in particular, the armed forces and the police, prison or emergency services to recruit or maintain in employment persons who do not have the required capacity to carry out the range of functions that they may be called upon to perform with regard to the legitimate objective of preserving the operational capacity of those services”.

“Dan ma jfissirx, pero’, illi l-Armata f’dan il-kaz partikolari ma naqsitx fl-agir taghha mal-attur. Wara l-korriment tieghu waqt il-qadi ta’ dmirijietu, setghet ippruvat tipprovdilu xi tip ta’ ghajnuna psikologika biex jissupera l-bizghat tieghu. dan m’ghamlitux. Anzi, donnu li minbarra l-attentati pjuttost fjakki ta’ perswazjoni, ma ghenet lilu bl-ebda mod iehor biex ikun jista’ jerga’ jassumi dmiru fil-kompletezza tieghu. Ukoll, il-Qorti ma tistax ma tinnotax element ta’ traskuragni fl-armata meta, ghalkemm fl-istess sena tal-incident, cioe’ 1988, gie impost l-obbligu tal-isparar darbtejn fis-sena, din halliet tipperdura sitwazzjoni ta’ snin twal ta’ nuqqas ta’ suldat milli jottempera ruhu mar-rekwizit tal-isparar. Jekk is-suldat kien qed igib certifikat mediku biex ma jisparax kull darba ghal hmistax-il sena shah, passi jmissu ttiehdu qabel.

“Lanqas ma tista’ l-Qorti ma tirrimarkax ukoll illi, jekk tassew l-attur isofri minn “weapon phobia” (del resto ma ngab ebda certifikat psikjatriku) ma tifhimx kif huwa talab formlament li jintbaghat jahdem fuq ix-shooting range, fejn wiehed ikun qed jghix imdawwar b’armi u sparar.

> "Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-kmandant tal-Forzi Armati, tichad it-talbiet tal-attur.
>
> "Fic-cirkostanzi, minhabba n-natura eccezzjonali tal-kaz, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha."

Minn din is-sentenza allura appella l-attur li qed jitlob ir-revoka taghha u kwindi li jigu milqugha t-talbiet tieghu, fil-waqt li l-konvenut talab il-konferma tal-istess sentenza.

**AGGRAVJI**

L-ewwel aggravju tal-appellant gie maqsum fi tnejn mill-istess appellant; l-ewwel parti "huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-Artikolu 3,4,5,6 u 7 tal-Kap. 413 tal-Ligjiet ta' Malta u dan meta erronjament ma sabitx li l-appellat mexa b'mod diskriminatorju versu l-appellat. F'dan il-kuntest l-appellat jghid li dan ma jfissirx li l-agir tal-appellat ma kellux jigi mkejjel ma' agir fil-konfront ta' persuni ohra b'dizabilita` bhal tieghu izda skont l-Artikolu 4 tal-istess Kap. 413 li jghid hekk:

> "Persuna tkun qiegħda tiddiskrimina ma' persuna oħra minħabba f'diżabilità jekk dik il-persuna l-oħra tenħtieġ li tikkonforma ma' xi ħtieġa jew kondizzjoni li magħha jikkonformaw jew ikunu jistgħu jikkonformaw il-maġġoranza ta ' persuni li ma jkollhomx dik id-diżabilità, u
>
> "(a) li ma tkunx raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ; u
>
> "(b) li magħha dik il-persuna l-oħra ma tkunx tikkonforma jew ma tkunx tista' tikkonforma."

L-appellant imbaghad jenfasizza l-fatt li bejn l-1988 u l-2011 huwa ghamel ix-xoghol li kien jigi assenjat sodisfacentement skont id-deposizzjoni tal-Kurunell Schembri (fol 34). Jilmenta li ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u li r-regoalment tal-2001 li kienet tirrikjedi li kull suldat kellu jkun jaghmilha ta' gwardjan armat ma biddel xejn dik is-sitwazzjoni.

Qabel ma l-Qorti tiddelibera dwar dan l-aggravju tajjeb li l-fatti li taw lok ghall-kaz ikunu ri assunti ghal darb' ohra. L-appellant kien gie ingaggat mal-armata fl-1987 u fl-1988 kien vittma ta' incident sfortunat gia` deskritt korrettement bhala parti mis-sentenza appellata fuq riprodotta. Minn dak inhar gie moghti l-hekk imsejjha "light duties" u skont l-istess xhud Kurunell Schembri baqa' fl-armata ghaliex ghalkemm ma setax jibqa' jispara azzarin seta' jispara pistola. Fis-sena 2000 gie mahtur Bord Mediku biex jistabilixxi standards ghall-ingaggar u ritenzjoni ta' xoghol fl-armata. Dan il-Bord iddecieda li biex persuna tibqa' fis-servizz riedet tkun "*fit to perform armed guard/security duties, by day or night, indoors and outdoors in all types of weather, and by himself*".

Meta l-appellant gie mitlub biex jipprezenta ruhu ghat-tahrig bil-pistola ghal darbtejn fis-sena (anke bl-awzilju tas-"safety googles") huwa baqa' ma ghamilix dan, u meta gie ezaminat minn Bord Mediku appozitament

mahtur l-istess Bord iddecieda li l-appellant kien "*permanently unfit to perform standard military duties".*

Kuntrarjament ghal dak li sostna l-appellant, l-ewwel Qorti ma kkomparatx l-agir tal-appellat fir-rigward tal-appellant mas-suldati l-ohra kollha fl-armata izda ma' suldati ohra li kienu jahdmu "light duties" u rrizulta li s-suldati kollha komprizi dawk bil-light duties kellhom id-dover li jipprezentaw ruhhom ghal tahrig ta' sparar sia pure bil-pistola minflok bl-azzarin u ghalhekk l-allegata diskriminazzjoni ma gietx pruvata ghaliex l-attur inghata l-istess trattament li jinghataw membri ohra tal-armata li jkunu fuq light duties. Irrizulta infatti indubbjament ghall-ewwel Qorti li "anke min qieghed fuq light duties huwa tenut jispara skont ir-regolamenti tal-Armata". L-appellant nonostante li nghata l-opportunita` jaghmel dan baqa' jirrifjuta minkejja li jirrizulta addirittura illi l-istess appellant fis-sena 2002 talab li jigi trasferit ghal "Pembroke Ranges" li kif jixhed l-istess isem huwa lok fejn isiru esercitazzjoni tal-isparar (xhieda tal-Kurunell Farrugia fil-11 ta' Jannar 2007). Kien ghalhekk ir-rifjut tal-attur li jipprezenta ruhu ghall-isparar li kien irragonevoli u mhux id-decizjoni tal-konvenut li jittermina l-ingagg tal-attur.

Dan l-aggravju ghalhekk huwa respint.

It-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-pozizzjoni legali tal-Armata skont il-Kap. 413 giet apprezzata hazin mill-ewwel Qorti u jghid li l-ezenzjonijet indikati mill-Artikolu 20 tal-istess Kap. 413 ma japplikawx ghall-kaz in ezami.

Huwa minnu li l-ligi in kwistjoni ma teskludix l-Armata mill-provvedimenti taghha kif jaghmlu ligijiet analogi f'pajjizi ohra anke tal-Unjoni Ewropeja. Madankollu r-regolamenti dwar in-nomini u l-kundizzjonijet tas-servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati tal-2003 japplikaw ghall-ingaggar u r-ritenzjoni tal-impjieg mal-Armata. Huwa evidenti li din il-ligi tapplika ghal-impjegati kollha mal-armata u dan ma japplikax ghall-impjiegi kollha l-ohra li ma huma regolati b'ebda ligi. Kwindi ladarba l-legislatur hass il-htiega li jillegisla dwar certi impjiegi partikolari irendi dak l-impjieg partikolari jekk mhux specjali. B'dan il-mod il-legislatur lahaq l-istess ghan tad-direttiva tal-Unjoni Ewropeja numru 78/2000 li kif tajjeb irrilevat l-ewwel Qorti, eskludiet minn dik id-direttiva (Employment Equality Framework Directive) lill-Forzi Armati (fost awtoritajiet ohra) li jzommu fl-impjieg "*persons who do not have the required capacity to carry out the range of functions that they mat be called upon to perform* ... ... ...".

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-pozizzjoni tal-appellant f'din il-kawza mhijiex tenibbli u t-talbiet tieghu mhumiex fondati. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ghandu jkun grat lill-appellat

li zammu fl-impjieg ghall-perjodu ta' hmistax-il sena fic-cirkostanzi tieghu u mhux iressaq dan il-fatt bhala kawzali ghat-talbiet tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata. L-ispejjez tal-appell a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df